*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 81**

**Il-Tnejn 18 ta' Frar 2019**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Desiree Attard – Viċi Sindku
Charlot Mifsud – Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Charlot Cassar-Kunsillier
Elizabeth Cassar- Kunsillier
Lawrence Ciantar- Kunsillier
Daniel Spiteri – Kunsillier
Sandro Gatt – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**81.1** ***<u>Qari tal-ittri ta' apoloġiji:</u>***

**81.1.1** Ma kien hemm l-ebda ittra ta apoloġija.

**81.2** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 80 tas-17 ta' Jannar 2019:</u>***

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi paġna 6 artiklu 80.7.1 għandha titranġa u issir kif ġej:

*''Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi nhar il-31 ta' Diċembru 2018 il-kuntrattur li jbattal, il-bring in site ta' Zonqor battalhom kollha ġo trakk wieħed u għaldaqstant l-iskart isseparat ġie imħallat f'daqqa fit-trakk. Huwa kompla jgħid illi f'laqgħa preċedenti kienu iddiskutew illi meta jibda s-servizz illi l-iskart separat jinġabar darbtejn fil-ġimgħa għandna inaqsu l-bring in sites. Huwa kompla jgħid illi bħala bring in sites ta' Triq Sant'Tereża, Triq San Gwakkin u Triq Għaxqet l-Għajn jitneħħew.''*

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-minuti u l-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar issekondat. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.***

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**81.2.1** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 9 artiklu 80.9.2 u staqsa x'kien il-qbil finali rigward il-bankina fi Triq il-Blajjiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fejn hemm il-wesgħa issir konka pero` min ikun qed jaħdem irid joqgħod attent mill-wires li hemm għaddejin.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ħafna mis-siġar li kien hemm mietu u jħoss illi tajjeb li nkellmu lill-TM sabiex issir bus stop fejn titwesgħa it-triq.

Is-Sindku qal illi hemm biċċa wiesgħa fejn tista issir pero ma jafx jekk TM jagħtux l-permess li ssir minħabba li qiegħda f'telgħa.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hawn ħafna bus stops li jinsabu f'telgħa.

Is-Sindku qal illi bus stop tista issir pero` bus shelter ma toqgħodx.

Kien hemm qbil illi jmorru fuq il-post biex jiftehmu sew x'jista jsir filwaqt li kien hemm qbil li l-bankina se ssir biss fuq in-naħa tax-xellug inti u tiela 'l fuq.

**81.2.2** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 2 artiklu 80.2.1 u staqsa jekk ittieħditx xi azzjoni mill-Lands rigward l-iregolaritajiet tal-imwejjed siġġijiet tal-ħwienet.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ġew rappreżentanti mill-Lands u bdew ineħħu l-imwejjed u siġġijiet li qegħdin bla permess minn diversi stabbilimenti.

**81.2.3** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 3 l-ewwel paragrafu u staqsa jekk bagħtnix lill-Infrastructure Malta.

Is-Segretarju Eżħekuttiv qal illi diġa kellem lil Enemalta minħabba il-problema tad-dawl baxx u qalulu li diġa ħasbu għaliha s-sena l-oħra.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi minn sena għal oħra l-load tad-dawl f'Marsaskala qed tiżdied b'mod radikali iġifieri m'għandniex inserħu moħħna li l-affarijiet mis-sena l-oħra ser ikunu biżżejjed għaliex nispiċċaw ngħamlu it-Triq ġdida umbgħad titħaffer trinka ġo fiha għax ma nkunux ħsibna għaliha.

Is-Sindku qal illi meta tkellem ma Infrastructure Malta qalulu illi fi Triq il-Qaliet ser jinbidel id-drenaġġ u l-ilma u minn Villa Sant Anna l'isfel ser issir bil-*pavement blocks*.

- ***Il-Viċi Sindku Dr Desiree Attard daħlet għal laqgħa fis-18:17.***

**81.2.4** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 3 artiklu 80.3.1 hu qal illi ltaqa mal-persuna li kienet qed tisuġerixxi li tagħmel *fitness classes* u infurma illi hu sab post għaliha fejn tkun tista toffri dan it-tagħlim ġewwa s-sala tal-Klabb tal-Partit Nazzjonalista.

Il-Kunsill ħass illi hu m'għandux x'jaqsam ma' dawn il-lezzjonijiet la darba m'għandux post x'joffri u l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri jista jieħu din l-inizjattiva mhux fuq livell ta' Kunsill.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri daħal għal laqgħa fis-18:22.***

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem fuq paġna 3 artiklu 80.5.1 u staqsa jekk il-kuntrattur magħżul jgħidilna illi fil-preżent jinsab okkupat b'xogħol ieħor u x-xogħol li jtih il-Kunsill mhux ser ikun jista jgħamlu immedjatament x'ser jiġri? Ż

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fil-kuntratt hemm mniżżel illi jrid ikun hemm ftehim bejn il-Kuntrattur u l-Kunsill fuq kull biċċa xogħol li tkun ħa ssir u jingħata deadline sa meta mistenni x-xogħol jekk dan id-deadline ma jiġix milħuq nistgħu nwaqqgħu l-Kuntratt u ngħaddu għat-tieni offerent.

Il-Viċi Sindku Dr Desiree' Attard qalet illi jekk ikun il-każ xorta waħda ser imur minn taħt il-Kunsill għaliex ikollu jistenna x-xhur sabiex ikun jista jaqa il-kuntratt u jibda l-Kuntrattur il-ġdid.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt daħal għal laqgħa fis-18:26.***

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi li għadna ngħatu ċans xahar pero` aktar le.

Is-Segertarju Eżekuttiv qal illi għalhekk hemm mniżżel ċar fil-kuntratt illi x-xogħol għandu jsir bi qbil maż-żewġ partijiet.

**81.2.5** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq artiklu 80.7.5 f'paġna 7 u qal illi hu ltaqa mal-persuna u infurmatu illi hawn madwar 20 Kunsill illi qiegħed jieħu sehem f'din l-inizjattiva tal-integrazzjoni hu qal illi l-ħsieb hu li jkun hemm key person f'kull komunita u jkunu jistgħu jsiru laqgħat bejn ir-residenti stess sabiex jitkellmu bejniehom x'inhuma l-affarijiet li jkunu qed idejquhom sabiex ikun hawn aktar armonija, kompla jgħid illi infurma illi l-Kunsill ħatar lilu bħala rappreżentant u ser ikun qed jattendi l-laqgħat.

**81.2.6** Il-Kunsillier is-Sur John Camilleri staqsa fuq paġna 9 artiklu 80.9.2 artiklu B u qal illi tajjeb illi l-Lands Department issib post alternattiv għal dawn kollha li għandhom caravan għaliex lanqas huwa ġust illi ma jkollhomx post fejn jistgħu jutilizzaw il-caravan.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi qabel ma jixtru caravan wieħed imissu jara fejn ser ipoġġih mhux jinxtara u tiġi l-problema wara.

Is-Sindku qal illi l-Lands qalulu illi dement li l-caravans ikunu mal-foreshore jistgħu jgħamlu enforcement fuqhom pero bnadi oħra jaqgħu taħt il-Planning Authority.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb illi biex il-caravans ikollhom permess, irid ikun hemm il-permess tal-PA u s'issa f'Marsaskala m'hawn tali permess.

**81.2.7** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem fuq artiklu 80.7.6 paġna 7 jekk kienx hemm xi risposta mingħand il-Grupp tan-nar.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb illi bagħtu email fejn infurmawna illi jaqblu ma dak li għedna aħna u ser ikunu qed jibgħatulna d-dokumenti kollha u infurmawna illi l-permessi u l-insurance ser ikunu f'idejhom u anke infurmawna li mhux ser tkun problema biex jippreżentaw il-karta tal-VAT .

**81.2.8** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 9 artiklu A u qal illi hu flimkien mas-Sindku marru jiltaqgħu mac-CEO tal-Enemalta fejn iddiskutew diversi punti fejn kien hemm feedback tajjeb ħafna fost l-affarijiet li ssemmew kienu d-dawl fi Triq il-Qaliet, id-dawl baxx f'ċerti żoni fil-lokal kif ukoll il-poles imsadda u l-wires li qegħdin għalxejn u jidher illi hemm pjan ta' ħidma.

**81.2.9** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi hu kellu laqgħa mal-Infrastructure Malta fejn tkellem magħhom rigward il-mollijiet li jinsabu fi stat ħażin ħafna u intlaħaq qbil illi l-mollijiet ser jitranġaw kollha.

**81.2.10** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi rigward il-Magħluq qed jistenna risposta mill-Perit Janice Borg għal *method statement* fuq it-tindif tal-Magħluq.

Is-Sindku qal illi hu tkellem ma' Nature Trust u qalulu illi l-algae ma tistax titneħħa minħabba l-bużaqq u ser isiru siġar mar-railing u ġewwa jsiru *observation posts*.

- ***Kien hemm sospenzjoni tar-regolamenti.***

**81.5.3** ***<u>Approval of unaudited Financial statements.</u>***

L-Accountant is-Sinjura Doreen Calleja spjegat l-estimi finanzjarji.

***Is-Sindku s-Sur Mario Calleja ippropona l-approvazzjoni tal-estimi finanzjarji u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

**81.3** ***<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>***

**81.3.1** **<u>PA 4710/18 Jerma Hotel Triq is-Salini:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Kunsill kien stieden lill kuntratturi flimkien mal-Perit għal laqgħa pubblika u urewna l-pjanti tal-proġett wara dan kienet saret seduta sħiħa fejn il-Kunsill iddiskuta l-proġett u l-affarijiet kollha li l-Kunsill ma qabilx magħhom għaliex kien hemm xi diskrepanzi f'dak li kien muri lill-pubbliku u l-applikazzjoni li kienet saret ġewwa l-Planning Authority. Il-PA talbet Project Discription Statement u l-Kuntrattur irid iqabbad kumpanija privata fejn f'dan il-każ kienu l-AIS u ġie sottomess lil Planning Authority u waħda mill-affarijiet li l-kuntratturi obligati li jgħamlu hija l-Environmental Impact Assesement li dan għadu ma bedix isir.

Il-Viċi Sindku Dr Desiree Attard qalet illi hi xtaqet tressaq dawn il-pjanti ġodda quddiem il-Kunsill minħabba it-terms of reference illi għandu jkun hemm fl-impact assesment u tajjeb illi nqabbdu Perit jew Avukat sabiex ikun jista jigwidana aħjar hu.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi l-posizzjoni tiegħu għadha l-istess pero hu jaqbel illi nqabbdu Avukat jew Perit sabiex ituna parir fuq dak li qed jiġi propost.

Il-Viċi Sindku s-Sinjura Desiree Attard qalet illi l-ewwel għandna nkellmu lill-Perit u ngħidulu b'dak li diġa oġġezzjonajna għalih sabiex ikun jista jniżżel kollox f'termini tekniċi.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fil-proposti il-ġodda jidher illi t-triq tneħħiet.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fil-pjanta ma tidhirx it-triq quddiem il-Lukanda.

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hu bagħat lill-Kuntrattur fejn saqsih għaliex it-triq ma tidirx fil-pjanti u rrispondih illi kien hemm żball.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jekk tara l-pjanti l-antiki u dawk li ħarġu issa huma differenti apparti il-fatt illi l-bini propost huwa ta aktar sulari, kompla jgħid illi l-Kunsill għandu jiddiskuti l-ewwel il-lukanda u l-appartamenti jiġu wara.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi waħda mill-affarijiet li l-Kunsill kien bagħat kienet dik li ngħatu prijorita lil Lukanda u mhux l-appartamenti.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi l-pożizzjoni tiegħu tibqa dik li kienet illi l-aħjar deċiżjoni li l-Gvern jixtri l-art u jibdila fi spazzju pubbliku u f'dan il-project statement jidher li ser ikun qed iħaddem biss 10 min nies fir-residential unit u dan hu l-ġid kollu li ser tiġġenera din il-lukanda u jekk tkompli taqra ir-rapport tinduna li dawn il-kuntratturi iħossu li qed jgħamlu xi pjaċir lir-residenti ta' Marsaskala għax ser ineħħu l-bini ikraħ li hemm bħalissa pero huma oġezzjonaw meta l-Kunsill għamel talba sabiex titwaqqa u la xorta waħda ser jaqa għaliex ma jaqbdux u jwaqqawh minn issa? Kompla jgħid illi bħala Kunsill għandna ninfurzaw sabiex il-PA jgħamlu enforcement kif suppost mingħajr żbalji sabiex din il-binja titwaqqa għaliex fuq dan ir-rapport qed jgħid li f'4 xhur tista taqa.

Il-Viċi Sindku Dr Desiree Attard taqbel ma dak li qal il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar u tissekondah.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi l-Kunsill għandu jisħaq illi l-binja hi ta' periklu.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi l-fatt li l-binja hija eyesore u ta skomdu għal Lokalita' hija raġuni valida biżżejjed sabiex ikun hemm enforcement min naħa tal-PA liema infurzar din id-darba jista jsir kif suppost għaliex fl-appell kien waqa minħabba żbalji amministrattivi.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi tajjeb ninfurmaw lir-residenti x'inhi il-posizzjoni tal-Kunsill fuq dan kollu.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi tajjeb isiru żewġ stqarrijiet waħda sabiex titwaqqa il-binja u l-oħra bl-oġezzjonijiet tal-Kunsill.

Kien hemm qbil unanimu sabiex nibgħatu lil Planning Authority sabiex isir enforcement fuq il-binja tal-Eks Jerma sabiex titwaqqa immedjatament u wara tinħareġ stqarrija u nkellmu lill-Perit sabiex jelenka l-oġġezzjonijiet kollha li diġa ntbgħatu b'mod aktar tekniku sabiex nibgħatuhom ħalli jiġu inklużi fit-terms of reference tal-ERA.

**81.3.2 <u>Damaged tyres in Triq id-Daħla ta' San Tumas:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien mar fuq il-post fejn hemm l-ħofra imsemmija fir-rapport u vera kienet hemm u kienet kbira.

Il-Viċi Sindku Dr Desiree Attard qalet illi f'dan il-każ ma nistgħux nimxu kif ngħamlu s-soltu fejn nagħtu 70% tal-ammont għaliex din hija rikjesta minn insurance jiġifieri jew ser naċċettaw li nħallsu l-ammont kollu jew xejn.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hu xorta jaqbel li jingħata 70% u mhux l-ammont sħiħ skond il-policy tal-Kunsill.

Il-Viċi Sindku Dr Desiree Attard qalet illi f'dak il każ għandna nibgħatu lill-ELMO Insurance u ninfurmawhom illi m'aħniex ser naċċettaw il-*liability* u ninfurmaw lir-resident illi ser jingħatalu parti mil-ammont pero jrid iwaqqa l-*claim*.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**81.3.3** <u>**Speed Camera Request:**</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi rċivejna korrispondenza mill-Lesa fejn qed jinfurmawna illi dawk il-Kunsilli kollha li huma interessati jew xi darba kienu għamlu rikjesta għal speed cameras issa għandhom iċ-ċans illi nibgħatu lil LESA sabiex jiġu ikkunsidrati. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill kien talab żewġ speed cameras waħda fi Triq il-Qaliet l-isfel mill-*beach comber* u l-oħra Daħla ta' San Tumas bejn il-kappella u Torri Mamo.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jħoss li dawn l-ispeed cameras huma ta' bżonn speċjalment fi Triq il-Qaliet.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jħoss li l-ispeed cameras kull min jgħaddi min ħdejhom inaqqas il-veloċita u kien jaqbiżhom jergħa jgħolli l-veloċita għalhekk iħoss illi hija daħqa fil-wiċċ u mhumiex ħa jsolvu l-ebda problema.

Is-Sindku qal illi t-toroq imsemmija huma residenzjali u ma jafx jekk hijiex l-aħjar deċiżjoni illi jsiru l-cameras.

Ittieħed vot dwar dan:

Favur- 4
Kontra- 5

Kien hemm qbil li ninfurmaw lil-LESA illi l-Kunsill mhux interessat f'dawn l-ispeed cameras.

**81.3.4** <u>**Traffic accident Claim:**</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi rċivejna mill-Atlas Insurance illi kien hemm aċċident bejn żewġ karozzi u jridu illi l-Kunsill iħallas id-danni minħabba li allegatament it-triq li mhijiex qeda fi stat tajjeb.

Il-Kunsill qabel unanimament illi ma jħallas xejn u ma jaċċettax ir-responsabilita'.

Ġie nnotat ukoll li s-sid tal-vettura ma kien semma xejn dwar l-istat tat-triq meeta ssottometta r-rapport lil Pulizija.

**81.3.5** <u>**Damages claim Triq San Tumas:**</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill illi rċivjena klejm ieħor mingħand individwu fejn ġarrab ħsarat fi Triq id-Daħla ta' San Tumas.

Il-Kunsill qabel illi jagħti 70% tal-ammont totali.

**81.4** <u>**Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:**</u>

**81.4.1** Mistoqsija mressqa mill-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri :

***"Nistaqsi min kien il-persuna jew entita responsabbli biex twaħħlu t-tabelli tal-one way fit-toroq li jagħtu għal ġo Triq il-Qaliet?"***

Is-Sindku qal illi dawn twaħħlu minn TM mingħajr konsultazzjoni pero bħala Kunsill konna ħadna azzjoni u ġew mgħottija.

**81.5** **Rapporti:**

**81.5.1** **Aġġudikazzjoni tat-tender KLM 2018/08 – Construction of Marsaskala Local Council Administrative office:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rigward it-tender tal-Bini tal-Kunsill il-board kien iddeċieda illi nibgħatu lill-Kuntrattur minħabba l-items li kienu qed jaqbżu ir-rata b'mod eċċessiv sabiex naraw jekk jistax ikun hemm tnaqqis fir-rati u jidher illi hemm risposta tajba u r-rati traħħsu pero għad ma jistgħax jitkellem fuq ammonti għaliex l-ewwel irid jiltaqa l-bord.

**81.5.2** **Aġġudikazzjoni tat-tender KLM 2019/01 – Works for the upgrading of St Anne's Garden Marsaskala in an environmentally friendly matter.**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għandna l-istess problema b'din is-sejħa bħal ma kellna tal-bini tal-Kunsill fejn l-istess kuntrattur kien l-uniku offerent u r-rata hija eċessivament għolja. Kompla jgħid illi l-proċedura sabiex nibgħatu lill-Kuntrattur għar-reviżjoni tal-prezzijiet hija l-istess u tieħu ż-żmien u l-problema hija illi irridu nlaħħqu mad-deadline sabiex inkunu nistgħu nieħdu il-fondi tal-EU nkella ser nitilfuhom.

Kien hemm qbil unanimu illi l-bord jiltaqa kemm jista jkun malajr sabiex tkun tista tintbgħat l-ewwel ittra.

**81.7** **Korrispondenza:**

**81.7.1** **Talba mil-Għaqda Mużikali Sant'Anna għal għajnuna finanzjarja għall-kunċert fit-Teatru Manoel (35/0527/19/I) :**

Is-Sindku qal illi is-Sinjura Portelli bgħatet din il-korrispondenza sabiex il-Kunsill ikun jista jisponsorja dan l-event pero spegala li l-Kunsill ma jistax jagħmel dan u allura xtaqet illi ngħinuha billi nqassmu xi flyers.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**81.7.2** **Laqgħa pożittiva mac-CEO tal-Enemalta (35/0495/19/I) :**

Dan il-punt ġie diskuss diġa.

**81.7.3** **Proposta mit-TCTC għal korsijiet tas-sajf 2019 Robotica & coding (35/0421/19/I) :**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill illi bħas-snin preċedenti t-TCTC ser tkun qed torganizza korsijiet għas-sajf għat-tfal fejn il-Kunsill iħallas €1150.00.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**81.7.4 Proposta mil-FACES Consultants għal akatar bus shelters f'Marsaskala (35/0375/19/O):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi konna tkellimna ma Transport Malta biex il-bus shelter faċċata tal-bandli jitranġa pero imbagħad ħarġet proposta minn Tmalta għal Bus shelter ġdid u DNO saret mit-TM għal Planning Authority u ġew ordnati min Singapore.

Fil-frattemp Faces Consultants kienu qed jerġgħu jipproponu lill-Kunsilli Lokali kollha li fil-każ ta' esklussivita' tal-Bus Shelters kollha tal-Lokal, huma kienu se jħallsu għall-ispejjeż kollha nkluż il-bażi tal-konkos u l-applikazzjonijiet lil PA.

Il-Kunsill pero' nnota li kien laħaq ikkommetta ruħu ma Tmalta għal Bus shelter ta' faċċata tal-bandli.

**81.7.5 Ħatra ta' Data Protection officer fil-Kunsill (35/0334/19/I) :**

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi attenda l-laqgħa fejn infurmawh illi l-Kunsill għandu jaħtar Data protection officer li jkun l-aktar persuna li ilha taħdem il-Kunsill u b'hekk inħatret is-Sinjura Lucille Bonnici u r-responsabilitajiet huma kbar fosthom li biex nkunu nistgħu nagħmlu cameras iridu nagħmlu ngħamlu Data Protection risk assesment, li ma jistgħux jitħallsu ċitazzjonijiet ta terzi persuni mingħajr ma tiġi ppreżentata l-ID card tal-individwu u ħafna affarijiet oħra. Kompla jgħid illi ser nqabbdu persuna privata sabiex tigwidana u tieħu ħsieb ir-rwol ta' Data Protection Officer kif ser jagħmlu bosta Kunsilli Lokali oħra.

**81.7.6 Proposta minn Matthew Pace dwar żvilupp ta' post pubbliku (35/0349/19/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi rċivejna korrispondenza mis-Sur Pace fejn qed jinfurmana illi hu lest li jagħmel żvilupp fil-biċċa art pubblika fejn issa tneħħew l-imwejjed u siġġijiet u lest li jiżviluppa b'siġar tal-palm u tree house għat-tfal pero` talab il-Kunsill sabiex japplika lil Lands Authority.

Il-Kunsill qabel li din l-art għandha tibqa pubblika u s-Sur Pace għandu jitkellem hu mal-Lands u japplika hu.

**81.7.7 Korrispondenza mil-AKL dwar electricity charging pillars (35/0368/19/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi qed jipproponu li jsiru aktar charging pillars għal pubbliku, kompla jgħid illi kull charging pillar tkun qed tieħu parking space.

Il-Kunsill qabel illi issir waħda ż-Żonqor ħdejn il-pixxina u oħra taħt il-ġibjun in-naħa tar-ramla fil-parkeġġ.

**81.7.8 Korrispondenza mas-Sur Joe Attard – Green MT (35/0488/19/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kuntratt mall-Green MT ser jiskadi f'Novembru u id-Dipartiment infurmawna illi nistgħu nagħmlu kif konna qed ngħamlu cioe mhux noħorġu sejħa iżda iż-żewġ kuntratturi jistgħu jitfgħu l-proposti tagħhom u l-Kunsill jagħżel minnhom.

Is-Sindku qal illi ltaqa mas-Sur Attard u fost l-affarijiet kollha qabel illi jinbidlu d-domes kollha u li l-Kunsill ma jħallasx meta tinkiser dome sabiex ineħħuha u ser jiġu bins on wheels minflokhom.

**81.7.9 Talba għal kumpens minn terza persuna fi Triq id-Daħla ta' San Tumas fil-15 ta' Jannar 2019 (35/0260/19/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċivejna klejm minn dan l-individwu fejn hu ukoll ġarrab danni fit-tyres fi Triq id-Daħla ta' San Tumas.

Kien hemm qbil unanimu li nħallsu 70% tal-amont totali,

**81.7.10** **PC 143/18 Talba għal bdil fl-Alignment (35/0323/19/O):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċivejna mill-PA dan il-PC fejn qed jinfurmawna li l-individwu ser jagħmel xi xogħolijiet fil-front alignment tal-propjeta tiegħu u issir bħal bqija tal-propjetajiet l-oħra.

Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni mil-Kunsill.

**81.8** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:**

**81.8.1** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal tajjeb li niġbdu l-attenzjoni lill-Kunstrattur is-Sur Saviour Mifsud sabiex jibda jġib l-invoices qabel u mhux iħallihom għal-aħħar.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb illi kemm il-darba ġibidlu l-attenzjoni.

**81.6** ***Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:***

**81.6.1** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa x'sar fuq iz-zebra crossing ta' ħdejn il-lattrina.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bħalissa għaddejin bix-xogħolijiet tad-drenaġġ u kif jitlesta x-xogħol tibda issir iz-zebra crossing.

**81.6.2** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi ż-żebgħa taz-zebra crossing ta quddiem il-fanal telqgħet u mhux tidher.

Sar qbil li nkellmu lill-Kuntrattur biex jinbeda x-xogħol ta' quddiem il-Knisja kif approvat minn Tmalta.

**81.6.3** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi n-*night club* li hawn qed ikun ta' inkonvenjent kbir għar-residenti, kompla jgħid illi sal-erbgħa ta' filgħodu ikun għad hemm ħafna storbju, ġlied u kliem ħażin, kompla jgħid illi l-permess għal night club joħroġ kull sena u nħoss li dan m'għandux jerġgħa joħroġlu.

Is-Sindku qal illi is-Supretendent jista joħodlu l-permess jekk ma jkunx qed jaderixxi mar-regolamenti.

Kien hemm qbil li nirraportaw dan l-inkonvenjent lill-Pulizija u niċċekkjaw jekk hux veru li għandu l-permess sal-4 t' filgħodu u jiċċekjawlu s-*sound proofing*.

**81.6.4** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fadal ftit xhur għas-sajf u tajjeb li niktbu lil LESA sabiex niltaqgħu magħhom u niddiskutu l-problema tal-parkeġġi fil-Lokal sabiex ikollna aktar wardens fiż-żminijiet tas-sajf.

Kien hemm qbil unanimu.

**81.9** **Mozzjonijiet:**

**81.9.1** ***Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud u ssekondata mis-Sindku s-Sur Mario Calleja (180– 29/1/19)***

"Jipproponi sabiex isiru *traffic lights* maz-zebra crossing li hemm ħdejn il-*Phoebe stationery*."

Kien hemm qbil unanimu.

**81.9.2** ***<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku - s-Sur Mario Calleja u issekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (181-29/1/19):</u>***

"Jipproponi sabiex isiru pots b'xi pjanti f'wesgħa krejattiva Alfred Debono."

Kien hemm qbil unanimu.

**81.9.3** ***<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri u ma ġietx issekondata (182-4/2/19):</u>***

"Jipproponi illi jitneħħew it-tabelli kollha li twaħħlu fit-toroq illi jinfdu fi Triq il-Qaliet billi dawn qed joħolqu konfuzjoni sħiħa ta' traffiku fit-toroq tal-madwar u huma ta skumdita u tbatija kbira għar-residenti u l-familjari illi jiġu jżuruhom''.

Kien hemm qbil unanimu illi jekk it-tabelli ma jitneħħewx meta x-xogħol ikun lest il-Kunsill ineħħijom.

**81.9.4** ***<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u issekondata mill-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar (183-12/2/19):</u>***

''Jipproponi li issa li Infrastructure Malta ingħatat l-inkarigu mill-kosta u l-manutenzjoni tal-mollijiet il-Kunsill kemm jista jkun malajr iġib għal attenzjoni l-problema li dejjem qed naffaċċjaw kull meta jkun ftit maltemp, li nispiċċaw bil-karrozzi għadajjien mill-ilma baħar. Dawn huma l-pjazza Dun Tarcis u Pjazza Mifsud Bonniċi. Dan irid ikun proġett ħolistiku li jinkludi ċ-ċirkulazzjoni tal-ilma tal-Magħluq.''

Kien hemm qbil unanimu illi niktbu lill-Infrastructure Malta.

**81.9.5** ***<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u issekondata mill-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar (184-12/2/19):</u>***

"Jipproponi li għanda issir talba formali sabiex jbidlu iż-żewġ fanali ta' fuq iz-zuntier wara li ġie infurmat li dawn l-fanali Ornamentali ta' fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokjali huma fi stat ħażin ħafna u saħansitra waqgħu nofs il-fanali mal-art u spiċċa nofs fanal. Ġie infurmat li dawn ta fuq iz-zuntier tal-knejjes normalment jieħdu ħsiebhom tal-infrastrutura li kienu magħrufa bħala MRRA.''

Kien hemm qbil unanimu li nibgħatu lill Works Division biex naraw jekk humiex lesti li jwettqu x-xogħolijiet.

**81.10** **<u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss :</u>**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fis-9.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 25 ta' Marzu 2019 fis-6:00pm.

Ikkonfermat illum 18 ta' Frar 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _______________ | ________________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |